MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru. 787/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Francis Scerri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Francis Scerri, detentur tal-karta ta' l-identita numru 222150(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-20 ta' Settembru 1999, ghall-habta tal-5.30p.m. waqt li kien qed isuq karozza, Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni BAI916, fi Triq Ghajn Tuffieha, fil-lokalita tal-Ballut, limiti ta' San Pawl il-Bahar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku tajjar lil Anna Muscat u sussegwentement, ikkagunalha il-mewt (Art. 328 (a) tal-Kap. 9).

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’velocita eccessiva, b’manjiera perikoluza, b’manjiera traskurata u bla kont u dan skond sez. 15 (1) (A) (2), 65 u Sez. 127 tar-regolamenti tat-traffiku;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, il-provi kollha li gew prodotti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-20 ta’ Settembru, 1999 il-pulizija tal-Qawra kienu gew infurmati illi certa Anna Muscat, karta’ ta’ l-identita 35538(M) kienet giet imtajjra minn karozza fil-Balluta, Ghajn Tuffieha Road, San Pawl il-Bahar. Meta il-pulizija marru fuq il-post sabu lil Anna Muscat mitluqa minghajr sinjali ta’ hajja fuq sigra. Irrizulta illi Anna Muscat kienet giet imtajjra mill-imputat fuq imsemmi li kien qieghed isuq il-karozza Ford Fiesta numru ta’ registrazzjoni BAI 916. Minn indagini li ghamlu l-pulizija fuq il-post irrizulta li l-imputat kien ghaddej bil-vettura tieghu mit-triq fid-direzzjoni lejn Ghajn Tuffieha, tilef il-kontroll tal-vettura u dahal f’side Road fejn kien hemm il-vittma flimkien mar-ragel taghha Emanuel Muscat u ma Marcellino Galea, li jigi r-ragel tat-tifla taghha. Wara li l-karozza misjuqa mill-imputat tajret lill-vittma il-karozza inqalbet. Is-sewwieq hareg mill-karozza wahdu u garrab biss griehi ta’ natura hafifa.

Illi saret l-Inkjesta Magisterjali u l-konkluzzjonijiet illi ghalihom wasal l-espert tat-traffiku Dr Joseph Micallef Stafrace kienu s-segwenti :

Illi meta gara l-incident il-vittma u r-ragel tat-tifla taghha Marcellino Galea kienu waqfu f'ras l-isqaq, cioe' fil-parti ta' fuq, fuq il-wicc torba, jigifieri ma kienux jipperikolaw lilhom innifishom, jew ta' xkiel jew sorpriza ghat-traffiku. Irrizulta illi l-imputat fil-bidu ta' liwja lejn ix-xellug ghaliha ghamel hekk, qasam ghan-naha l-ohra tat-triq u dahal fil-passagg. Hemm hekk il-vettura qabdet lil Anna Muscat bil-faccata u garritha maghha. Il-vettura wara li mielet lejn ix-xellug u habtet ma gebel u sigar tbandlet ukoll lejn il-lemin u hakket il-parti leminija u spiccat inqalbet minn quddiem ghal fuq is-saqaf u spiccat bir-roti fl-ajru bil-vettura thares lejn it-triq. Il-vettura sfat danneggjata estensivament fil-faccata, gnub u saqaf, izda ma garbet xejn fuq wara. Marcellino Galea stqarr illi l-vettura marret lejn il-moghdija b'sahha u dan hu ikkonfermat mill-mod kif il-vettura inqalbet ghal rasha u mill-hsara estensiva illi garbet.

Illi l-imputat baqa' ma spjegax kif gara l-incident. Meta xehed quddiem il-Perit Legali mahtur mill-Qorti u cioe' Dr Micallef Stafrace, huwa qal kif gej :
Huwa qal illi kien sejjer dawra ghall-kwiet u fil-vettura kellu il-kelb mieghu. Mistoqsi x'kien gara huwa xehed illi kulma jaf kien illi huwa kien gej minn naha ta' San Pawl il-Bahar u f'daqqa wahda sab ruhu b'vettura maqluba. Mistoqsi kif hareg mill-vettura qal illi kien hareg wahdu. Huwa xehed illi mieghu kellu l-kelba illi kienet zghira u kalma, tinsiha, kellu r-radio mixghul, kien qed jisma kanzunetta u the next thing I know qieghed rasi 'l isfel qed inholl ic-cinturin tal-vettura. Qomt carissimu fis-sens li indunajt li kont f'incident stradali u hassejt serhan li ma weggajtx. Pero' kif hrigt mit-tieqa sibt ragel li qalli qtilt mara. Hemm hekk indunajt x'kont ghamilt, ossia x'kien gara, ghax rajt lill-mara wiccha 'l isfel fis-sigra. Mistoqsi jekk qattx tawni hass hazinijiet nghid li le. Pero' ili xi sena inbaghti bis-sinus. Bhala medicina kont nuza l-'inhaler' qabel norqod. L-incident gara ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija. Fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kont ghand Dr Martin Ebejer konsulent li qalli illi irrid inbiddel il-kura li kienet timplika li ridt naghmel xi granet gewwa u ghalhekk iddecidejt li nohrog naqra.

Illi l-imputat xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Huwa xehed illi meta kien mar joqghod il-Gzira kien beda ibaghti bin-nifs, it-tobba kienu qeghdin jahsbu li kienet allergija, huwa ma setghax jorqod tajjeb u ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kien jitheddel. Ghalhekk kien jinqafel fl-ufficju tieghu u jistrieh xi nofs siegha u jkompli bix-xoghol. Huwa ma kellux sintomi ohrajn. Kien qieghed jiehu xi pilloli li pero' ma kienux effettivi. Kien dar diversi tobba. Dak iz-zmien kien qieghed jarah it-Tabib Ebejer u kien jarah ukoll Dr Brian Flores Martin. Din il-kundizzjoni kien ibaghti biha qabel ma gara l-incident, xi sena u nofs, sentejn qabel ma gara l-incident, izda qatt ma kellu problemi meta kien isuq. Dakinhar in kwistjoni kien ra lil Dr Ebejer li qallu li kien ibblokkat kompletament u li kellu bzonn medicina differenti. Kien gej il-weekend u huwa iddecidieda li fil-weekend joqghod gewwa u johrog passigata bil-kelba u hekk ghamel saq u mar lejn Ghajn Tuffieha. Ghadda minn San Pawl il-Bahar, ghadda minn Puales, it-triq kienet prattikament vojta. Il-hin kien xil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar. L-imputat xehed illi meta telaq bil-karozza il-medicina li tah Dr Ebejer kien ghadu ma hadiex. Kien iddecieda illi jehodha qabel ma jorqod peress illi tista theddlu jekk jehodha qabel. L-imputat kompla jixhed illi sa fejn jaf hu kien qieghed isuq b'mod normali u mhux bl-ghaggla, il-kelba kienet fis-seat ta' wara, kien qieghed jisma r-radio u jiftakar ezattament x'kien qieghed jigri fuq ir-radio, izda umbaghad f'daqqa wahda sab ruhu rasu 'l isfel fil-karozza tieghu marbut bis-seat belt u qal bejnu u bejn ruhu kelli accident. Izda strah ghax irrealizza li ma kienx ferut. L-imputat xehed li ma jiftakarx x'gara bejn meta kien qieghed jisma r-radio isuq, sa kemm sab lilu innifsu f'ghalqa rasu 'l isfel fil-vettura. Dak il-hin ma kellux ideja li kien gie involut xi haddiehor fl-incident. L-ewwel darba li sar jaf b'dan kien meta hall is-safety belt u ipprova johrog mill-karozza minn got-tieqa. Dak il-hin ra ragel hdejn il-karozza, rah ihares lejh u qallu li kien qatel mara. Il-familja ta' din il-mara mill-ewwel gew biex jaghtuh l-ghajnuna, baqa fuq il-post. Jiftakar li giet l-ambulanza. Umbaghad bil-mobile phone tieghu cempel lil huh il-kbir. Meta kienu fl-ambulanza xi hadd qallu ahjar tibqa hawn hekk u niehduk l-isptar. Dak il-hin kien qieghed ihoss konfuzzjoni kbira, ma setghax jemmen dak li kien gara u

mar l-isptar. Dahal l-isptar bl-ambulanza, poggewh f'ward, ghamel lejl l-isptar u l-ghada filghodu baghtuh id-dar. Ma kienx ghadu ha l-mistura li kien ippreskrivielu t-tabib Ebejer. Izda ried imur ikellem lil Dr Ebejer biex jghidlu x'kien gara. Effettivament mar St Philips Hospital biex ikellem lil Dr Ebejer u kif kien qieghed jistenna lil Dr Ebejer dahal Dr Brandon Caruana Montalto, li kien l-old boy tieghu. Huwa qatt ma kien ikkonsulta ma Dr Caruana Montalto professjonalment. Dr Caruana Montalto gie fuqu, kien sema bl-incident u beda jispjegalu x'kien gara. U l-imputat xehed illi Dr Caruana Montalto qallu, "This is a clear cut case of sleep apnea". Umbaghad Dr Caruana Montalto hadu taht il-kura tieghu. Sarulu xi ezamijiet sabiex jaraw kienx qed jorqod sew bil-lejl, dahlu St James Clinic fejn ghamel lejl hemm hekk u irrakkommandawlu li jaghmel ukoll lejl iehor fejn uzaw magna li tissejjah CTAP. L-ghada filghodu meta uzaw din il-magna, qam, hassu ahjar. Dr Caruana Montalto spjegalu illi peress illi kien qieghed ibaghti minn xi kundizzjoni medika gralu illi meta kien qieghed isuq il-gisem raqad mal-ewwel f'daqqa wahda u kien ghalhekk illi gie involut fl-incident in kwistjoni. Dr Caruana Montalto irreferih ghand l-ispecjalista tal-ENT Mr Agius sabiex jippruvaw jifthulu l-airway ducts permezz ta' kirurgija. Effettivament Mr Agius ghamillu l-kirurgija, nehhielu xi laham hazin u wara l-operazzjoni huwa setgha beda jorqod minghajr il-magna. Wara l-operazzjoni gie normali u ghadu hekk sal-lum u la ghandu bzonn ta' inhalers u lanqas ta' pilloli. L-imputat kompla jixhed li dam ghaddej bil-kura madwar sentejn qabel saritlu l-operazzjoni. In kontro-ezami l-imputat xehed illi qatt ma kien gralu xi haga simili, jigifieri jkun qieghed isuq u jorqod minghajr ma jkun jaf kif, qabel ma sehh l-incident in kwistjoni.

Illi xehed ukoll f'dawn il-proceduri Dr Caruana Montalto a fol. 141 et seq ta' dan il-process. Huwa spjega illi meta ezamina lill-imputat kellu s-sintomi tal-marda tan-nghas, jigifieri inhir bil-lejl, jonghos matul il-gurnata, iqum spiss bil-lejl u minkejja il-fatt li jkun raqad tmien sieghat bil-lejl filghodu iqum u xorta wahda ihossu ghajjien. It-tabib ftakar illi kien iltaqa mal-imputat l-isptar St Philips, waqaf ikellmu u peress li kien jafu sa minn mindu kien zghir

ghaliex kien jafu l-iskola, De La Salle College, kien beda jkellmu u l-imputat kien spjegalu x'kien gara. Dr Caruana Montalto xehed illi dan kien l-ewwel inkontru li kellu mal-imputat dwar il-problemi medici li kien isofri minnhom l-imputat. Dr Caruana Montalto kompla jixhed illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn sleep apnea syndrome, izda l-imputat ma kien jaf xejn dwar dan. Dr Caruana Montalto kompla jixhed illi peress illi huwa specjalist f'dawn it-tip ta' disordni huwa kien qal lill-imputat li kellu s-sintomi kollha ta' sleep apnea, izda kien hemm bzonn illi jaghmillu aktar testijiet. Dr Caruana Montalto xehed ukoll illi din hija marda relattivament gdida u mhux kwalunkwe tabib jista jaghraf is-sintomi taghha. L-imputat kien mar ghandu ghamillu l-ezami kliniku u finalment iddecieda li kellu bzonn jaghmillu dak li isejjhulha sleep study. Fil-fatt din l-isleep study saret fid-29 ta' Dicembru tas-sena 2000. It-tabib kompla jixhed illi min ikollu din il-marda ghandu sitt drabi aktar probabbilita illi jkollu incident stradali, incident ta' traffiku u dana peress illi matul il-gurnata jibda joghnos minghajr lanqas biss ma jirrealizza. Huwa xehed illi fil-kaz tal-imputat il-marda kienet severa. Dr Caruana Montalto kompla jixhed illi min ikollu din il-marda matul il-gurnata isofri minn deterioration in work performance u jigri wkoll illi dawn it-tip ta' pazjenti jorqdu waqt li jkunu qeghdin isuqu peress illi jkollhom accumulation of sleep depravation u allura minghajr ma jkollu l-ebda kontroll il-pazjent jorqod matul il-gurnata. It-tabib kompla jixhed illi huwa ta magna lill-imputat illi tippompja l-arja go imnifsejh u meta beda juza din il-magna l-imputat kwazi kien ikkurat. Huwa kompla jixhed illi l-imputat kellu jibqa juza din il-magna ghall-ghomru. Tah ukoll xi medicini u qallu wkoll biex inaqqas il-pis permezz ta' dieta u ezercizzju. Irreferih ukoll ghand l-ENT Dr Adrian Agius. Huwa xehed illi ghadu jara lill-imputat sal-lum. Huwa mar tajjeb hafna u sa fejn jaf hu id-disordni li ghandu ta' sleep apnea qeghda kompletament taht kontroll.

Illi xehed ukoll Dr Brian Flores Martin illi huwa it-tabib tal-familja ta' l-imputat u li kien rah ghall-perjodu ta' xi erbgha snin meta l-imputat kien jirrisjedi il-Gzira. Huwa xehed illi dak iz-zmien l-imputat kien ibaghti minn allergija kronika, hay fever u kien tah pilloli ghal din il-kundizzjoni tal-hay

fever. Dak iz-zmien Dr Flores Martin ma hassx il-bzonn li jirreferi lill-imputat ghand specjalista. Kien sema illi l-imputat kien gie involut f'incident tat-traffiku, izda xehed illi l-imputat ma regax gie ghandu wara dan l-incident awtomobilistiku. Jaf illi l-imputat ma kienx baqa' brother u allura huwa ma baqax jarah. Dr Flores Martin xehed ukoll illi huwa qatt ma qal lill-imputat biex ma isuqx vettura u illi l-medicini illi kien tah ma kellhom l-ebda side effect illi tikkaguna irqad u allura l-imputat setgha liberalment isuq vetturi kemm ried.

Illi rega' xehed Dr Caruana Montalto u ikkonferma illi l-imputat kellu very severe obstructive sleep apnea with severe desaturation u xehed ukoll illi kien irreferih ghand l-ispecjalista Dr Adrian Agius ghaliex kellu wkoll problemi tas-sinus, li ghalkemm mhux konnessi, izidu il-problema tas-sleep apnea u allura huma xtaqu jeliminaw din il-problema.

Illi xehed ukoll l-ispecjalista tal-ENT Dr Adrian Agius u qal illi kien ezamina lill-imputat l-ewwel darba fil-bidu ta' Mejju, 2001 fuq referral ta' Dr Caruana Montalto. Dr Agius xehed illi Dr Caruana Montalto kien infurmah illi l-imputat kellu l-problema ta' sleep apnea u kien irreferih ghandu sabiex ikun jista joperah biex ikun jista jiehu n-nifs ahjar u ikollu aktar ossiginu fis-sistema tieghu u dana over and above it-terapija li kien diga qieghed jaghtih Dr Caruana Montalto. Dr Agius xehed illi qabel ma ghamel l-intervent kirurgiku ghamel ukoll l-ezami kliniku tal-imputat u irrizultalu li l-imputat kien diga ghadda minn sleep study. Dr Agius ghamel l-ezami kliniku tal-imputat u irrizultalu illi l-imputat kellu imniehru mizdud peress li kellu l-ghadma mghawga u kellu wkoll laham hazin fl-imniehru. Kellu is-saqaf ta' halqu, il-qanpiena ta' halqu kbir hafna u b'hekk kien qieghed jigi impedut bil-lejl milli jiehu n-nifs kemm ghandu bzonn. Huwa xehed illi bit-terapija illi kien qieghed jaghtih Dr Caruana Montalto il-problema ma kienitx ser tigi solvuta, kien jenhtieg ukoll intervent kirurgiku li fil-fatt ghamilulu fil-11 ta' Mejju, 2001. F'din l-operazzjoni huwa iddrittalu l-ghadma ta' imniehru, haraqlu l-laham il-hazin u nehhielu wkoll bicca mis-saqaf ta' halqu. Wara li operah, baqa isegwi lill-imputat u effettivament

xahrejn wara l-operazzjoni l-imputat mar hafna ‘il quddiem, kien qieghed jorqod sewwa u setgha ikompli l-gurnata normali tax-xoghol. Qabel l-operazzjoni kien qieghed jorqod f’nofs il-gurnata.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda kollha illi taw it-tobba illi kienu ikkuraw lill-imputat illi l-imputat kien ibaghti minn “sleep apnea disorder”, izda pero’ huwa lanqas biss kien jaf u haseb illi kellu l-problema tas-“sinus”.

Illi, b’konsegwenza diretta ta’ din id-disordni illi kien ibaghti minnha l-imputat, bi sfortuna kbira kemm ghalih u specjalment ghall-vittma illi spiccat mietet, sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-imputat filli kien qieghed isuq, filli ibblankja kompletament, kawza tal-kundizzjoni li kien qieghed ibaghti minnha, u meta rega’ gie f’sensih, sab lilu innifsu rasu ‘l isfel bil-vettura u irrealizza li kien involut f’incident stradali, izda ma kienx jaf li kien tajjar lil xi hadd.

Illi fl-istadju ta’ l-inkjesta l-imputat ma kienx jaf bid-disordni li kien qieghed ibaghti minnha u effettivament it-tobba illi xehdu spjegaw illi din hija kundizzjoni illi t-tobba lanqas biss kienu jafu biha, saru jafu biha madwar ghoxrin sena ilu, izda f’Malta saru jafu biha biss recentement. L-imputat kull ma kien jaf kien illi kellu l-problema tas-“sinus”; liema problema certament ma kienitx timpedih milli isuq u effettivament it-tabib li kien qieghed jikkurah qatt ma tah xi ordni biex ma jsuqx karozza.

Illi, b’kumbinazzjoni, meta kien qieghed f’St Philips Hospital jistenna li jara tabib iehor, l-imputat iltaqa ma Dr Caruana Montalto, li huwa specjalista f’dawn it-tip ta’ disordni ta’ l-“sleep apnea”. Dr Caruana Montalto issuspetta illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn din id-disordni, ghamillu t-testijiet necessarji u sab illi effetivament l-imputat kien qieghed ibaghti mid-disordni ta’ “sleep apnea”. Dr Caruana Montalto tah xi kura, izda irrizultalu illi l-imputat kellu bzonn ukoll intervent kirurgiku illi sarlu mill-ispecjalista Dr Agius u, wara li saritlu din l-

operazzjoni, l-imputat mar ‘il quddiem hafna fil-kundizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, u specjalment in vista tax-xiehda illi inghatat mit-tobba u mill-ispecjalisti, bl-ebda mod ma jista jinghad illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-incident in kwistjoni gara tort ta’ nuqqas ta’ hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta’ hila fis-sewqan u / jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-imputat.

Illi, bl-istess mod lanqas ma gie ippruvat illi l-imputat dakinhar illi gara l-incident kien qieghed isuq l-imsemmija vettura b’velocita eccessiva, b’manjiera perikoluza, b’manjiera traskurata u bla kont, u dana peress illi gie ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-incident de quo gara tort tal-kundizzjoni medika li kien qieghed ibaghti minnha l-imputat, u gie ippruvat ukoll illi l-imputat u t-tobba li kienu qeghdin jikkurawh fiz-zmien ta’ l-incident lanqas biss ma kienu jafu illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn din il-kundizzjoni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------